**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 14 ta' Dicembru, 2017**

**Rikors Numru: 85/2017/1/JPG**
**Kawza Numru: 5**

**Mark Formosa (ID 0327891M)**
**VS**
**L-Avukat Generali**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ta' Mark Formosa (ID 0327891M), vide fol 1 et seqq., li jaqra hekk;

*"Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors huwa ipprezenta rikors fl-ismijiet premessi fejn talab dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk kif sanciti mill-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u Libertajiet u tal-Artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi dina l-kawza hija imsejsa fuq il-fatt li l-esponenti twaqqaf mix-xoghol b'mod immedjat b'nofs salarju u dana minghar ebda ombra ta' prova ta' xi nuqqasijiet da parti tieghu u wisq inqas xi forma ta' sejbien ta htija izda semplicament ghaliex xi*

*hadd ghogbu jaghmel allegazzjoni ta' irregolaritajiet fil-konfront tal-Ministeru ghal Ghawdex, f'liema Minsiteru l-esponenti jikkupa l-kariga ta' direttur.*

*Illi s-sospenzjoni hija ibbazata fuq ir-Regolamenti 13 et seq. tar-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li inter alia jipprovdu li effetivament impjegat tac-Civil ghandu jkun sospiz mid-dmirijiet tieghu fejn is-salarju jitnaqqas bin-nofs f'kaz li jkun qed jigi investigat mill-pulizija f'konnessjoni ma' reat kriminali u dan ghal ghanijiet prekawzjonarji.*

*Illi din il-ligi hija drakonjana u ma tirriflettix l-avvanzi legali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u anke dawk industrijali fejn illum il-gurnata individwu huwa meqjus innocenti sakemm jinstab hati u haddiem ghandu jkollu l-impjieg u s-salarju tieghu prottetti bl-aktar mod ampju.*

*Illi haddiem ma ghandux jigi imwaqqaf milli jahdem u moghti nofs salarju b'mod indefenittiv sempliciment sabiex tittiehed prekwazjoni. Se mai, u jekk l-imghallem, li f'dan il-kaz huwa l-gvern, jidhirlu li individwu jista' jippregudika b'xi mod l-investigazzjoni tal-Pulizija dan ghandu jigi trasferit f'Dipartiment iehor.*

*Illi huwa umilment sottomess li jekk ghal xi raguni t-trasferiment tla-impjegat minn Dipartiment wiehed ghal Dipartiment iehor mhux possibbli u wiehed oggettivament jikkonkludi li l-unika mod li tista' tittiehed prekawzjoni jkun billi dak l-istess impjegat jigi sospiz, l-impjegat m'ghandux isofri xi forma ta' tbaghtija. F'dan il-kaz ghandu jbaghti l-imghallem u cioe' l-Gvern u mhux il-haddiem u b'hekk l-impjegat ghandu jircievi s-salarju shih.*

*Illi l-esponenti qieghed isofri tbaghtija sproporzjonata stant li huwa ghandu familja xi jmantni u impenji finanzjarji ohra li jrid jsostni u t-tnaqqis fil-paga qed tohloq sofferenza fuqu u fuq familtu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi sakemm jigi deciz ir-rikors kostituzzjonali fl-ismijiet fuq premessi prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti jinghata s-salarju shih minghand ebda tnaqqis.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali datata 25 t' Ottubru 2017, (vide fol 4 et seq), li taqra hekk;

*Illi r-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti taghti interim measure sabiex pendenti l-kawza kostituzzjonali r-rikorrent jibqa jiehu s-salarju shih minghajr ebda tnaqqis u dan anke jekk jibqa sospiz mix-xoghol.*

*Illi ma jezistux l-elementi mehtiega mill-ligi ghall-akkoljiment tat-talba kontenuta fir-rikors promotur, u cioe`t-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti taghti mizura ad interim a tenur l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, liema talba tirrizulta manifestement infondata u ghalhekk ghandha tigi michuda.*

*L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-ghoti ta' ordni provvizzjorja trid tigi kkunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-ghoti ta' tali mizuri huwa ezercizzju eccezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' interim measures b'mod ristrett ghall-ahhar u jikkoncedu tali mizuri biss f'cirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u ta' trattament inuman u degredanti izda tali allegazzjonijiet huma cirkoskritti ghall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Issir riferenza ghall-provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet* ***Raymond Caruana vs L-Avukat Generali*** *deciza fit-23 ta' April 2003 fejn gie osservat illi 'interim relief jinghata*

*meta "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u generalment jinghata f'kazijiet fejn hemm "an alleged risk to life or ill treatment" fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni ghal* stati *fejn ir-risku ghall-hajja huma kbar hafna. "Matters of detention, interference with property rights" m'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief'.*

*Illi mir-rikors in risposta jidher li l-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu taht allegata lezjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u ghal dak li jirrigwarda l-allegata lezjoni tal-l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni l-lament tar-rikorrenti mhux qed isir f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni.*

*Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Joseph Camilleri vs Avukat Generali*** *deciza fl-1 ta' Lulju 2013 ghamlet referenza ghall-pubblikazzjoni* ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *ta' Van Dijk u Van Hoof (raba' edizzjoni 2006, pagna 113) josservaw illi "In the majority of cases the interim measures are taken seriously by the national authorities. In fact it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or to the progress of the examination. Such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of Article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of Article 3 is likely to occur. This requires that the applicant state his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government'. Proprju fil-kaz ta' Joseph Camilleri vs Avukat Generali, il-Qorti Kostituzzjonali kienet cahdet talba sabiex tissospendi guri kriminali li kien jolqot traffikar u kongura*

*ta' drogi fuq il-bazi ta' allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali. Ghall-istess konkluzjoni kienet waslet ghaliha dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet* ***Martin Dimech vs Avukat Generali*** *fejn giet michuda talba ghas-sospensjoni ta' guri kriminali pendenti proceduri kostituzzjonali. Illi dina l-Onorabbli Qorti cahdet talba ghall-iskarcerazzjoni pendenti proceduri kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet* ***George Pace vs Avukat Generali*** *u ghall-istess konkluzjoni waslet dina l-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet* ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et****.*

*Dan attiz, jekk il-Qorti Kostituzzjonali f'kaz ta' persuni li potenzjalment kienu qed ihabbtu wicchom sahansitra ma' piena ta' ghomor fil-habs, fl-ipotezi ta' sejbien ta' htija tal-akkuzi deddotti kontra taghhom, kienet irrezistiet talba li tordna s-sospensjoni tal-proceduri kriminali ghax qieset li ma kinux jezistu l-estremi ta' hrug ta' mizuri provvizorji, allura bl-istess kejl m'ghandux ikun hemm lanqas farka ta' ezitazzjoni li f'dan il-kaz ghandu jigi michud ir-rimedju provvizorju mfittex mir-rikorrent.*

***Tajjeb li jigi enfasizzat li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent u cioe` li jiehu nofs il-paga biss waqt li jkun sospiz mix-xoghol, hija effettivament mizura ikkontemplata mil-ligi u cioe` mir-Regolamenti tal-Procedura ta` Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-hsieb wara mizura bhal din hija proprju sabiex l-Istat jikkawtela ruhu f`sitwazzjoni fejn persuna tkun qed tigi investigata jew akkuzata b`reat kriminali u allura tkun giet sospiza mix-xoghol sakemm il-proceduri kriminali ikunu konkluzi.***

***Ma jaghmilx sens li persuna li ma tidholx ghax-xoghol ghax-sospiza tibqa tiehu l-istess paga daqs li kieku qed tidhol ghax-xoghol****!*

*L-hekk imsejjha interim measure, hija mizura li ghandha tinghata "<u>**biss** f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet ta' "urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara **irreparabbli** ghall-interessi</u>*

*vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel"* **ara il-kawza Federation of Estate Agents vs. Direttur Generali (Kompetizzjoni), L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali"** *(Appell Kostituzzjonali Numru 87/2013/1) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Settembru 2014;*

*Anke hawn tajjeb li jigi enfasizzat li meta s-sospensjoni mix-xoghol ma tibqax fis-sehh ir-rikorrent ikun eligibbli biex jiehu nofs il-paga l-ohra u allura m`ahniex qed nitkellmu fuq xi dannu irreparabbli.*

*Illi kif osservat dina l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) fid-digriet taghha fl-atti tar-rikors Kostituzzjonali numru 50/16/1 JRM fl-ismijiet "Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech, fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' Segretarju Generali u President tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista' u ghan-nom u in rappresentanza tal-Partit Nazzjonalista vs L-Onor. Prim Ministru et", deciz il-bierah 9 ta' Gunju 2016; "biex jista' jinghata rimedju provvizorju, jiehtieg li min jitolbu juri li hemm kaz prima facie ta'ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti tal-mizura provvizorja sejra ggib hsara li ma titreggax lura fil-kaz tieghu."*

*"Minhabba f'hekk, l-ghoti ta' provvediment provvizorju f'kawza ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew cirkostanzi eccezzjonali li jaghmluh mehtieg"* ***ara "Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et" digriet P.A. Kostit. AE 16.4.2014***

*F`dan il-kaz m`ghandna l-ebda ksur prima facie ghax il-fatt li ir-rikorrenti jiehu nofs paga hija ikkontemplata mir-Regolamenti dwar is-servizz Pubbliku.*

*Per di pui dan m'huwiex kaz ta'"urgenza estrema" fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel"*

*Illi fil-kaz odjern ma hemmx cirkostanzi daqshekk gravuzi li jimmilitaw favur il-hrug ta' mizura provvizorja ghaliex ma hemmx kwistjoni ta' theddida fuq il-hajja tar-rikorrent jew l-inkolumita' fizika tar-rikorrenti f'kuntest ta' estradizzjoni jew deportazzjoni. Kif diga' intqal aktar il-fuq il-lanjanzi tar-rikorrenti huma msejsa fuq ben altru liema lanjanzi huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi in oltre, bit-talba tieghu, ir-rikorrenti donnu qed jassumi li ser tintstab lezjoni haga li certament hija kongettura tar-rikorrenti li ma ssib suffragju mkien. Illi certament li l-ghoti ta' mizuri provvizorji ma jirravvizawx tali raguni ghall-ghotja taghhom izda jinghataw biss sabiex jissalvagwardjaw u jipprotegu l-inkoluminita' fizika tal-individwu f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulzjoni.*

*Illi ghaldaqstant qed jigi sottomess bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti ma timmeritax akkoljiment u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-*interim measure.*

**Ikkonsidrat:**

**L-Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet a fol 9A *et seqq* illi l-Pulizija qed tinvestiga allegati irregolaritajiet fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, a rigward ta' liema, hemm ghaddejja inkjesta Magisterjali minhabba liema hija ma tistghax tiddivulga dettalji dwar l-investigazzjonijiet li qed isiru. Spjegat pero illi dak li qed jigi investigat presenzjalment huwa l-operat in generali u mhux individwu partikolari. Ghalhekk ir-rikorrenti ghadu mhux qed jigi investigat bhala indivdiwu, ghaliex huwa biss wara li l-Pulizija jkollha ideja tal-operat shih illi jista' hemm xi suspetti f'persuni partikolari. Xehdet illi l-pulizija ma jkollha l-ebda involvement fid-decizjoni ghas-sospensjoni tal-ufficjali pubblici, izda kull ma' taghmel biss huwa li tibghat ittra lill-PSC sabiex tinformahom illi l-individwu

huwa suggett ta' investigazzjoni tal-pulizija. Ziedet illi pero, **fil-kaz tar-rikorrent ghadhom ma wasslux f'dan l-istadju u ghada m'intbghatet l-ebda ittra.**

**Mark Formosa** xehed a fol 9D *et seqq*. illi huwa beda jahdem bhala Direttur, Projects and Development mal-Ministeru t'Ghawdex mill-1 ta' April 2015, sakemm ma gie sospiz fis-27 ta' Lulju 2017. Xehed illi fis-27 ta' Lulju kien qieghed *leave* pero kienu cemplulu mill-ufficju u qalulu li kellu bzonn jidhol urgenti, u meta wasal, sab zewg Spetturi tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti li qallu li kien hemm certu allegazjonijiet u li l-pulizija ghandhom mandat ta' tfittxija. Spjega illi l-pulizija kienu ghamlu tfittxija l-ufficju u mbaghad kienu wkoll ghamlu tfittxija d-dar tieghu fejn hadulu l-laptop tax-xoghol u t-*tablet* tal-mara tieghu. Minn dakinhar ma regghux kellmuh, ghalkemm jinsab sospiz fuq nofs paga minhabba din l-investigazzjoni. Xehed illi l-paga basika tieghu hija ta' qisu €1,100, u dan apparti l-*allowances* li kellu u cioe karozza, *allowance* ghal *mobile* u internet, u wkoll waqqfuhomlu. Ghalhekk il-piz ta' dawn l-ispejjez gie fuqu u fuq il-familja tieghu. Spjega illi kawza ta' dana kollu, huwa qed isofri detriment finanzjarju ghaliex ghandu *loan* mal-Bank ghal liema jrid ihallas pagamenti mensili ta' €1,200, apparti li jrid jixtri l-uniformi ghat-tifel tal-*iscouts*, tal-iskola u tal-*football. Di piu'* minhabba din is-sitwazzjoni, hu u martu ma jafux jekk hux ser ikunu jistghu jattendu tieg ta' habiba ta' martu l-Italja. Xehed ukoll illi huwa pprova jsib xoghol iehor, pero qed jirriskontra diffikultajiet peress illi qed jghidulu illi ma jkunx gust ghalihom li jinvestu l-hin u r-rizorsi fih, meta mbaghad jekk titnehha s-sospensjoni, jista' jmur lura fl-impjieg tieghu mal-Gvern. Fuq mistoqsija tal-Qorti xehed illi l-mara tieghu ghandha impjieg mal-Bank of Valletta.

**John Borg** xehed a fol 15 *et seqq* illi huwa jahdem bhala Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru t'Ghawdex, u r-rikorrenti huwa Direttur Progetti fil-Ministeru b'kuntratt ta' tliet snin li beda fl-2015. Spjega li fis-27 ta' Lulju ta' din is-sena, marru fl-ufficju tieghu xi pulizija u informawh li qed isir investigazzjoni fuq id-Dipartiment tal-Progetti relatata ma xi irregolaritajiet f'xi *tenders* ta' toroq, u identifikaw lid-Direttur, (ir-rikorrenti) u zewg ufficjali ohra biex ikkellmuhom. Xehed li ghalhekk kien ha parir intern, a bazi ta'

liema, kien hareg sospensjoni prekawzjonarja sakemm il-kwistjoni tigi deciza mill-PSC, li kienet harget l-awtorizzazzjoni taghha ghal din is-sospensjoni temporanja.

**In kontro-ezami** ikkonferma illi huwa gie nformat mill-pulizija li kienu qed jinvestigaw id-dipartiment u mhux xi persuni partikolari. Xehed ukoll illi l-pulizija kienu qalulu li l-investigazzjoni taghhom tmur ghal irregolaritajiet li gew kommessi aktar lura, pero ma qalulux kemm lura, ghalkemm ikkonfermawlu li parti mill-investigazzjoni kienet tirrigwarda l-perjodu tal-ahhar sentejn u nofs li r-rikorrent kien Direttur. Xehed illi hu stess staqsa lil pulizija f'liema stadju waslet l-investigazzjoni, ghaliex hu stess ghandu interess illi tliet ufficjali minn tieghu ma jibqghux barra mix-xoghol ghal xejn. Xehed illi jekk kemm il-darba ma johorgux akkuzi kontra r-rikorrent, jew jekk jitressaq il-Qorti izda ma jinstabx hati, r-rikorrenti jidhol lura ghax-xoghol u jiehu n-nofs paga li tilef mis-27 ta' Lulju sad-data li fiha tkun tnehhiet is-sospensjoni. Mistqosi kemm fadal zmien biex jiskadi l-kuntratt tar-rikorrenti, wiegeb illi dan il-kuntratt jiskadi fl-ahhar ta' Marzu 2018.

**Josephine Attard,** Compliance Officer mal-Public Service Commission (PSC), a fol 22 *et seqq.* spjegat illi skont il-proceduri ta' dixxiplina tal-2017 tal-PSC, meta l-kap ta' Dipartiment ikun jaf li hemm xi ufficjali fid-dipartiment tieghu li qed jigi investigat, jista' jissospendih, u jaghmel rakommandazzjonijiet lil PSC, li jekk taqbel, bhala prekawzjoni taghmel rakkomandazzjoni lil ufficju tal-Prim'Ministru biex il-persuna tigi sospiza. Huwa l-Prim'Ministru imbaghad li jikkonferma dik is-sospensjoni, u f'dan il-kaz hekk gara. Xehdet illi is-sospensjoni hija b'nofs paga, u fil-kaz illi ma johorgux akkuzi kontra r-rikorrenti jew jekk ma jistabx hati mill-Qorti ikun jista' jerga jidhol lura x-xoghol u inoltre jigi mhallas in-nofs paga li ma jkunx inghata mill-bidu tas-sospensjoni sakemm din titnehha.

Spjegat illi ricentement il-PSC stabbiliet bhala *policy* li jekk jghaddi hafna zmien minn meta persuna tkun bdiet tigi nvestigata u ma johorgux akkuzi, tkun tista' terga titlob li lil Permanent Secretary biex jikkonsidra li jerga jdahhlu lura ghax-xoghol. Xehdet illi filfatt fil-kaz tar-rikorrent, peress ili diga ghaddew tliet xhur minn mindu giet iffirmata s-

sospensjoni mill-Prim'Ministru, il-PSC ricentement kellha seduta u ddecidiet illi tistaqsi lis-Segretarju Permanenti ghandux jirrakomanda li r-rikorrent jerga jiddahhal lura ghax-xoghol. Fuq mistoqsija tal-Qorti spjegat illi peress illi din l-ewwel darba li qed tithaddem din il-*policy* l-gdida, ma tistghax tghid b'mod specifiku kemm iddum biex tohrog decizjoni, pero d-decizjoni tal-PSC hija illi jiktbu lil Ministeru ta' Ghawdex illi jekk ma johrogux akkuzi fi zmien circa xahar, jista' jirrakomanda illi r-rikorrent jerga jidhol lura ghax-xoghol.

**Ikkonsidrat;**

Illi permezz tar-rikors tieghu intavolat kontestwalment mar-rikors kostituzzjonali tieghu, r-rikorrent qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex taghti *interim measure* biex tissalvagwardja d-drittijiet fondamentali tieghu pendenti l-ezitu finali tal-kawza, u dan fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, li huwa ufficjal pubbliku, jinsab sospiz minn xogholu fuq nofs paga, minhabba investigazzjoni kriminali li qed issir fir-rigward tad-dipartiment governattiv fi hdan ta' liema huwa jahdem bhala Direttur.

Fir-rigward tal-argument tal-Avukat Generali illi *interim measures* jinghataw '*biss f'cirkostanzi li jirigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja u trattament inuman u degradanti izda tali allegazzjonijiet huma cirkoskritti ghall-kuntest ta' estradizzjoni , deportazzjoni u espulsjoni'* il-Qorti tirrileva illi fir-realta, ezami tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-materja, juri illi ghalkemm fil-maggoranza tal-kazi *interim measures* jinghataw fil-kazijiet msemmija mill-Avukat Generali, *interim measures* ma jighatawx **esklussivament** f'dawn l-istanzi. Il-Qorti taghraf illi l-provvediment citat mill-Avukat Generali fl-ismijiet **Raymond Caruana vs L-Avukat Generali** moghti fit-23 ta' April 2003 huwa issa sorpassat minn gurisprudenza aktar recenti tal-Qorti ta' Strasbourg.

Jibda biex jinghad illi fil-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni, m'ghadux il-kaz illi l-Qorti ta' Strasbourg tordna *interim measures* biss fejn l-allegati vjolazzjonijiet ikunu jirrigwardaw l-Artikolu 2 jew l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Studju tal-

gurpisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg juri illi din il-Qorti ilha zmien taghraf li hemm sitwazzjonijiet ohra li fuqhom jista' jigi ibbazat ordni ghal *interim measures,* u dan f'kazi fejn ikun hemm riskju ta' *flagrant denial of justice* jew riskju ta' ksur tad-drittijiet sanciti permezz tal-Artikolu 8. Filfatt, fl-ordni ghal *interim measures* moghti fil-kawza fl-ismijiet **Soering v. the United Kingdom,** il-Qorti ta' Strasbourg kienet ordnat *interim measures,* ghaliex, kif spjegat l-istess Qorti fis-sentenza datata 7 ta' Lulju **1989**

> "*…an issue might exceptionally be raised under* ***Article 6*** *of the Convention by an extradition decision in circumstances where the fugitive has suffered or risks suffering a flagrant denial of a fair trial in the requesting country*."

Din il-linja ta' hsieb giet ukoll ikkonfermata fil-kaz aktar recenti ta' **Othman (Abu Qatada) v. the United Kingdom,** deciza fis-17 ta' Jannar 2012, fejn il-Qorti ta' Strasbourg kienet issospendiet l-espulsjoni tal-applikant mhux biss minhabba konsiderazzjonijiet relatati mal-Artikolu 3, izda anke mal-Artikolu 6. Fis-sentenza fil-mertu taghha, wara illi cahdet it-talba fir-rigward tal-Artikolu 3, il-Qorti qieset illi c-cirkostanzi tal-kaz kienet turi a flagrant denial of justice, ilghaliex fil-proceduri kriminali kontra tieghu setghu jintuzaw provi mehuda permezz ta' tortura jew trattament inuman jew degradanti, a kuntrarju tal-Artikolu 6.

Fir-rigward ta' riskju ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 8, il-Qorti ta' Strasbourg ordnat *interim measures* fil-kaz fl-ismijiet **Amrollahi v. Denmark,** fejn il-Qorti kienet, bhala *interim measure,* pendenti l-ezitu tal-kawza, waqqfet id-deportazzjoni ta' l-applikant lejn l-Iran, wara li kkonsidrat illi kien hemm risku li jigi lez id-dritt tieghu sancit ai termini tal-Artikolu 8 ghaliex id-deportazzjoni tieghu ikollha l-effett li tifirdu minn ma' martu u uliedu, li ma kellhomx jigu mistennija li jmorru l-Iran sabiex l-familja tkun tista' tibqa' maqghuda. Similarment, fil-kaz fl-ismijiet **Eskinazi and Chelouche v. Turkey,** il-Qorti ta' Strasbourg tat *interim measure* permezz ta' liema waqqfet ir-ritorn tal-minuri ai termini ta' The Hague Convention of 1980 on the Civil Aspects of International Child

Abduction minhabba li kien hemm riskju li l-omm u bintha jsofru lezjoni tad-dritt taghhom sancit taht l-Artikolu 8.[1]

Apparti minn hekk, il-Qorti taghraf illi m'huwiex minnu illi *interim measures* jigu ordnati mill-Qorti ta' Strasbourg biss f'kazijiet li jikkoncernaw estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni kif qed jikkontendi l-Avukat Generali. Jibda biex jinghad illi fir-rigward ta' kazijiet fejn il-Qorti ta' Strasbourg ordnat *interim measures* ghas-salvagwardja tad-drittijiet sanciti taht l-Artikolu 2 u 3, hemm ghadd ta' ezempji fejn l-isfond fattwali tal-kaz ma kellu xejn x'jaqsam ma' estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni, u dan kif jidher minn diversi ordnijiet ghal *interim measures* li nghataw fil-kuntest tas-sahha ta' persuni detenuti u l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni. Ezempji ta' tali kawzi fejn inghataw *interim measures* huma: **Kotsaftis v. Greece,** deciza b'mod finali fit-12 ta' Gunju 2008, **Prezec v. Croatia,** deciza b'mod finali fit-28 ta' Awissu 2008, **Paladi v. the Republic of Moldova,** deciza b'mod finali fl-10 ta' Marzu 2009, **Aleksanyan v. Russia,** deciza b'mod finali fit-22 ta' Dicembru 2008, **Grori v. Albania,** deciza b'mod finali fis-7 ta' Lulju 2009, **Salakhov and Islyamova v. Ukraine,** deciza b'mod finali fl-14 ta' Marzu 2013 u **Bamouhammad v. Belgium,** deciza b'mod finali fis-17 ta' Novembru 2015.

Inoltre, fil-kaz fl-ismijiet **Bitiyeva and X v. Russia** deciza fil-21 ta' Gunju 2007, il-Qorti ta' Strasbourg kienet tat *interim measure* f'kaz ibbazat fuq l-Artikoli 2, 3, 13 u 34 tal-Konvenzjoni, liema *interim measure* ma nghatax biss ghas-salvagwarda tad-drittijiet sanciti permezz tal-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni, izda kienet wahda aktar ampja, kif jidher mis-segwenti bran, fejn il-Qorti ta' Strasbourg:

> "…***requested the Russian Government to take all measures to ensure that there was no hindrance in any way of the effective exercise of the second applicant's right of individual petition as provided by Article 34 of the Convention***"

[1] F'dan is-sens, vide wkoll **Neulinger and Shuruk v. Switzerland** u **B. v. Belgium.**

Fil-kaz ta' **Shtukaturov v Russia** deciz fis-27 ta' Marzu 2008, li ukoll kien jitratta talba ghal *interim measure* maghmula minn persuna detenuta, il-Qorti kienet ordnat *interim measure* ghas-salvagwardja tad-dritt tal-applikant ghall-access ghal avukat, u fis-sentenza finali taghha il-Qorti kienet irriproduciet l-*interim measure* li kienet giet ordnata, li taqra b'dan il-mod:

> "*The respondent Government was directed to organise, by appropriate means, a meeting between the applicant and his lawyer. That meeting could take place in the presence of the personnel of the hospital where the applicant was detained, but outside their hearing. The lawyer was to be provided with the necessary time and facilities to consult with the applicant and help him in preparing the application before the European Court. The Russian Government was also requested not to prevent the lawyer from having such a meeting with his client at regular intervals in future.*"

F'gurisprudenza aktar ricenti tal-Qorti ta' Strasbourg jidher ukoll illi dik il-Qorti issa qieghda anke taghti *interim measures* sabiex tissospendi temporanjament l-effetti ta' ordnijiet ta' zgumbrament. Fil-kawza ta' **Yordanova and Others v. Bulgaria** deciza fl-14 ta' Settembru 2010, il-Qorti ta' Strasbourg kienet, permezz ta' *interim measure,* issospendiet l-ordni ta' zgumbrament ta' komunita ta' Roma, wara illi l-applikanti kienu ezawrew ir-rimedji kollha a disposizzjoni taghhom fuq livell domestiku. F'kawza ohra, fl-ismijiet **Fatma Afif v. Netherlands,** deciza fl-24 ta' Mejju 2011, il-Qorti kienet ordnat lill-awtoritajiet Olandizi, permezz ta' *interim measure,* sabiex jaghtu residenza lil applikanta u bintha, li kienu *homeless.* Decizjonijiet ta' dan it-tip huma eccezzjonali, peress illi f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet huwa difficli ghall-applikant li juri li minghajr *interim measure* jista' jsofri dannu irreparabbli, pero huwa car illi m'hemm xejn, la fil-ligi u lanqas fil-gurisprudenza li awtomatikament jeskludi l-oghti ta' *interim measures* f'sitwazzjonijiet li ma jkunux jirrigwardaw l-Artikolu 2 jew l-Artikolu 3, u li ma jkunux f'kuntest ta' deportazzjoni, espulsjoni jew estradizzjoni.

Ghalhekk huwa car illi ghalkemm huwa minnu illi l-maggoranza ta' *interim measures* moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg jirrigwardaw l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3, u huma generalment moghtija fil-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni, *interim measures,* ma jinghatawx esklussivament f'dawn ic-cirkostanzi, ghaliex kif jidher mir-rassenja ta' gurisprudenza hawn fuq citata, hemm numru ta' decizjonijiet li juru illi f'kazijiet partikolari *interim measures*, jinghataw anke meta jkun hemm riskju serju ta' lezjoni ta' drittijiet ohrajn, lil hinn mil-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni. Dak li jidher li jinforma d-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg m'huwiex sempliciment id-dritt invokat u l-kuntest li fih huwa invokat, izda proprju illi jezisti riskju iminenti li l-individwu jsofri dannu rreparabbli bi ksur tal-Konvenzjoni., u li m'hemmx rimedju effettiv fil-livell domestiku. Il-fatt li l-maggoranza tad-decizjonijiet fejn il-Qorti ta' Strasbourg accettat talba ghal interim measures huwa fir-rigward tac-cirkostanzi msemmija mill-Avukat Generali, huwa sempliciment konsegwenza naturali tal-fatt illi hemm aktar cans li l-individwu jsofri dannu rreparabbli f'kazijiet li jittrattaw proprju l-hajja jew l-inkolumita fizika ta' persuna u l-espulsjoni taghhom mill-pajjiz, minn cirkustanzi ohra. Dan pero, ma jistghax ikollu l-effett illi jgib fix-xejn din il-protezzjoni fir-rigward ta' drittijiet ohra, fejn l-individwu jressaq prova a sodisfazzjoni tal-Qorti illi qieghed jaffaccja riskju iminenti li jsofri dannu rreparabbli.

Ghandu jinghad ukoll illi l-fatt li l-Qorti ta' Strasbourg tinterpeta l-poter taghha li taghti *interim measures* b'mod ristrett hafna, minhabba l-esigenzi ta' dik il-Qorti, ma jfissirx illi l-Qrati Maltin huma tenuti li jzommu jdejhom maghluqa fid-dispensa tal-gustizzja. L-esigenzi, in- numru kbar ta' kawzi u r-realta politika bir-risorgiment ta' nazzjonalizmu esagerat, mhumiex identici ghall-ezigenzi tal-Qrati Maltin.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija et** minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' April 2003, fejn dik il-Qorti kienet laqghat talba ghas-sospensjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza li mponiet terminu ghal hlas b'rati mensili ta' multa nflitta, pendenti l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali, u dan ghaliex Qorti, f'Sede Kosituzzjonali,

ghandha s-setgha li tirregola il-procedura taghha u taghti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u dawk interlokutorji li jinhtiegu waqt is-smiegh sabiex jiggarantixxu illi:

> "…*it-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun soggetta ghal pressjonijiet indebiti jew hsara irriversibbli ghal xi wahda mill-partijiet*."

Issir referenza wkoll ghall-provvediment moghti fil-kawza fl-ismijiet **Antida Debattista vs Carmelo Fenech et** minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Jannar 2005, fejn il-Qorti kienet tat mizura *interim* li ssospendiet l-effetti ta' zgumbrament.

Ghalhekk huwa car illi dak li trid tiddetermina l-Qorti m'huwiex jekk hemmx bzonn illi jinghataw mizuri provvizorji "…*sabiex jissalvgwardjaw u jipproteġu l-inkoluminita' fizika tal-individwu f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni*" kif argumentat mill-Avukat Generali, izda skont ir-rassenja ta' gurisprudenza hawn fuq diskussa, il-Qorti ghandha tqis li, ikun xi jkun id-dritt kostituzzjonali jew konvenzjonali invokat mir-rikorrenti, hija ghandha tiddetermina:

1. **l-ezistenza ta' riskju imminenti, li ghalhekk jimmerita t-tehid ta' mizuri urgenti,**
2. **li r-rikorrenti isofri dannu rreparabbli bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tieghu; u**
3. **li m'hemm l-ebda rimedju ordinarju iehor a disposizzjoni ghar-rikorrent.**

Wara li rat il-provi prodotti fil-mori ta' din il-kawza, u b'applikazzjoni tal-principji hawn fuq indikati, il-Qorti hija tal-fehma illi m'huwiex il-kaz li tinghtata l-mizura provvizorja li qed tintlab mir-rikorrent, u dan ghaliex **l-ebda wahda** mill-kondizzjoniet appena ndikati ma hija sodisfatta f'dan il-kaz.

Il-Qorti rat illi mill-provi ma jirrizultax illi r-rikorrent huwa soggett ghal riksju imminenti ta' dannu rreparabbli bi ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu. L-ewwel nett, il-Qorti rat

illi r-rikorrent ghadu jircievi nofs is-salarju tieghu, u ghalhekk ghad ghandu introjtu mensili ta' circa €1,100. Fuq mistoqsija tal-Qorti r-rikorrent ikkonferma wkoll illi l-mara tieghu tahdem, u minn dan isegwi ghalhekk illi dan m'huwiex l-unika introjtu tieghu. Galadarba l-mara tieghu hija impjegata tal-bank, hija taqla' minn ta' l-inqas il-paga minima, u ghalhekk jirrizulta illi anke waqt li jinsab sospiz, ir-rikorrent u l-familja tieghu ghandhom introjtu mensili ta' circa €1,900. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser illi zgur li ma jistghax jinghad illi r-rikorrent qieghed jaffacja xi riskju imminenti ta' dannu rreparabbli minhabba l-introjtu kurrenti tiehu, ghaliex fil-fehma tal-Qorti dan l-ammont huwa bizzejjed biex familja ta' tliet persuni tghix b'mod dinjituz. Dan apparti l-fatt illi xejn ma jwaqqaf lir-rikorrenti li imqar jiehu impjieg *part time* jekk ihoss li l-introjtu kurrenti tal-familja tieghu m'huwiex bizzejjed ghan-necessitajiet taghhom.

Ghalkemm kif diga ntqal, il-Qorti ma taqbilx illi *interim measures* ghandhom jinghataw biss ghas-salvagwardja tal-hajja jew l-inkolumita fizika ta' persuni suggetti ghal deportazzjoni, estradizzjoni jew espulsjoni, xorta wahda jibqa' l-fatt illi *interim measures* ghandhom jigu moghtija f'kazijiet fejn verament huma necessarji ghat-tutela effettiva tad-drittijiet fondamentali, biex jigi zgurat illi s-sentenza finali tal-Qorti tkun effettiva. Il-kwistjoni dwar jekk il-familja tar-rikorrent tinsabx f'posizzjoni finanzjarja sabiex tattendi tieg fl-esteru, zgur li ma jistghax iwassal lil Qorti ghal konkluzjoni li f'dan il-kaz l-ghoti ta' mizuri *interim* huwa necessarju ghas-salvagwardja tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent pendenti l-ezitu finali tal-proceduri kostituzzjonali ntavolati minnu.

Barra minn hekk, kif gie kkonfermat mix-xhieda prodotti, fil-kaz illi ebda akkuza ma tinhareg kontra r-rikorrenti, jew fil-kaz illi ma jistabx hati mill-Qorti, ir-rikorrent jinghata lura dik in-nofs tal-paga illi ma thallsitx lilu, u dana mill-gurnata meta bdiet is-sospensjoni sal-gurnata li giet imnehhija. Ghalhekk huwa car illi r-rikorrent m'huwa qieghed jaffacja l-ebda dannu irreparabbli, galadarba bil-ligi stess huwa ghandu jiehu lura l-paga li ma gietx imhallsa lilu fil-kaz illi ma jigix akkuzat jew misjub hati ta' reat.

Il-Qorti ukoll ikkonsidrat ix-xhieda ta' Josephine Attard illi sostniet li l-PSC ricentement adottat *policy gdida* fis-sens illi meta ufficjal pubbliku ikun sospiz pendenti

investigazzjoni kriminali, u jdumu biex johrogu akkuzi kontra l-istess ufficjal, il-PSC tirrakomanda lil Ministru relattiv jirrevoka s-sospensjoni, li semmai terga tohrog fil-kaz illi eventwalment jinhargu akkuzi kontra l-istess ufficjal. Filfatt kienet gja saret laqgha biex jigi diskuss dan fir-rigward tar-rikorrent, u ttiehdet decizjoni illi jekk ma johrogux akkuzi kontra tieghu fi zmien circa xahar, il-PSC ser tirrakomanda illi r-rikorrent jerga' jidhol ghax-xoghol. Wara kollox, kif qal ix-xhud John Borg, huwa fl-interess tad-Dipartiment illi r-rikorrent jerga jidhol ghax-xoghol u jkompli bid-doveri tieghu. Ghalhekk jirrizulta illi hemm rimedju ordinarju li jista' jirrisolvi din il-lanjanza tar-rikorrent. Minn dan isegwi illi tonqos in-necessita' illi jinghata xi *interim measure* minn din il-Qorti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent ghal mizuri interim maghmula fir-rikors tas-17 ta' Ottubru 2017.**

**Spejjez riservati ghal vertenza finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**